**Ruling mogħti mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia fis-seduta 442 tat-Tnejn, 9 ta' Marzu 2026 dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari**

**L-ISPEAKER:** Wara l-ħin tal-Mistoqijiet Parlamentari tas-seduta tal-Erbgħa, 4 ta' Marzu 2026, l-Onor. David Agius, talab lis-Sedja hekk:

> "Sur President, nixtieq nirreferik, jekk jogħġbok, għall-mistoqsija parlamentari 34627 dwar l-ARUC u r-rapport annwali. Jien staqsejt lill-Prim Ministru:
>
> > "B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsijiet parlamentari 34136 u 34263 dwar ir-rapport annwali tal-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis (ARUC) fejn ġie mwieġeb li "r-rapport operattiv annwali ġie mħejji mill-Awtorità skont kif previst fil-Kap. 628 tal-Liġijiet ta' Malta", jista' l-Prim Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tar-rapport annwali tal-istess Awtorità, u li jinkludi wkoll il-baġit allokat mill-Gvern?"
>
> Ir-risposta tal-Ministru kienet:
>
> > "Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari Nru 34263."
>
> Din hija l-istess mistoqsija li għandi jien fil-mistoqsija parlamentari tiegħi. Għalhekk, Sur President, nitolbok biex tara Kapitlu 628, artikoli 17 u 18, dwar il-kontijiet, il-verifika u r-rapport annwali. Kif taf, Sur President, l-ARUC ilha mwaqqfa mis-sena 2021 u allura għandek is-snin 2022, 2023, 2024 u 2025 u llum ninsabu fl-2026. Allura qed nitlob, jekk jogħġbok, id-direzzjoni tiegħek għaliex suppost sitt ġimgħat wara li r-rapport annwali – u anke r-rapport finanzjarju – jasal għand il-Ministru, dan jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra. Għaddew dawn il-ġimgħat u s-snin u għad m'għandniex dan ir-rapport. Huwa importanti għaliex il-finanzi fl-ARUC jiġu wkoll minn attivitajiet relatati ma' dawn l-assoċjazzjonijiet tal-kannabis."

Hawnhekk is-Sedja wieġbet lill-Onor. David Agius:

> "Għaddili kollox, jekk jogħġbok, Onor. David Agius, imbagħad nagħti direzzjoni fl-ewwel seduta li jkolli wara li nkun studjajt il-każ. Grazzi."

Is-Sedja rat ukoll id-domandi li għamel referenza għalihom l-Onor. David Agius. Fid-domanda 34136 bit-titolu "ARUC - Rapport Annwali" magħmula fl-4 ta' Frar ta' din is-sena, l-Onor. David Agius staqsa lill-Prim Ministru:

> "Jista' l-Prim Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tar-rapport annwali tal-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis (ARUC), hekk kif previst f'Artikolu 18 tal-Att li jirregola l-istess Awtorità, u li jinkludi wkoll il-baġit allokat mill-Gvern, u l-qligħ li għamlet l-ARUC iġġenerat minn liċenzji u mill-harm reduction u/jew community contributions marbutin mal-operat tal-cannabis harm reduction associations bejn Jannar 2023 u Diċembru 2025, maqsuma sena b'sena?"

liema mistoqsija ġiet imwieġba mill-Prim Ministru fis-seduta 433 tad-9 ta' Frar kif ġej:

> "Tweġiba tingħata f'seduta oħra."

Id-domanda l-oħra li għamel referenza għaliha l-Onor. David Agius hija d-domanda parlamentari 34263 magħmula fil-11 ta' Frar fuq l-istess suġġett, fejn staqsa:

> "Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 34136 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tar-rapport annwali tal-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis (ARUC), hekk kif previst f'Artikolu 18 tal-Att li jirregola l-istess Awtorità, u li jinkludi wkoll il-baġit allokat mill-Gvern, u l-qligħ li għamlet l-ARUC iġġenerat minn liċenzji u mill-harm reduction u/jew community contributions marbutin mal-operat tal-cannabis harm reduction associations bejn Jannar 2023 u Diċembru 2025, maqsuma sena b'sena?"

fejn fis-seduta 435 tat-18 ta' Frar il-Prim Ministru wieġeb hekk:

> "Ninsab informat li r-rapport operattiv annwali ġie mħejji mill-Awtorità skont kif previst fil-Kap. 628 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> Intant ninsab informat ukoll li l-kontijiet annwali tal-istess Awtorità qegħdin fi stadju ta' konklużjoni u se jkunu qegħdin jiġu ppreżentati quddiem il-Kamra fil-ġimgħat li ġejjin."

Wara li rat dan kollu s-Sedja tagħmel mill-ewwel referenza għal diversi rulings li tat dwar tweġibiet għal-mistoqsijiet parlamentari, u tagħmel referenza partikolari għal dak mogħti fis-seduta 36 tal-24 ta' Ottubru 2022, fejn is-Sedja kienet qalet hekk:

> " ... li f'kull każ ġew imwieġba illi t-tweġiba tingħata f'seduta oħra. Is-Sedja għal darb'oħra terġa' ttenni illi hija m'għandhiex mansjoni fuq tweġibiet li jingħataw għal mistoqsijiet parlamentari magħmula lilhom. Is-Sedja, madankollu, tifhem u tagħraf l-importanza tar-rwol ta' skrutinju li għandha l-Kamra permezz tal-għemil ta' mistoqsijiet parlamentari, u għalhekk terġa' tfakkar lill-Ministri dwar l-importanza li l-mistoqsijiet parlamentari jiġu mwieġba, u dan fi żmien raġonevoli. Għalhekk il-Membri huma mħeġġa sabiex jużaw ir-rimedji kollha li tagħtihom il-Kamra sabiex jinsistu għall-informazzjoni li jkunu qegħdin jitolbu."

Is-Sedja tagħmel referenza wkoll għal ruling ieħor li tat fis-seduta 173 tal-20 ta' Novembru 2023, fuq ilment li kien ressaq l-istess Onor. David Agius fejn f'dak ir-ruling is-Sedja għamlet referenza għal dak li kien qal l-Eks Speaker tal-House of Commons John Bercow fis-seduta parlamentari tat-22 ta' Novembru 2001 meta kienet qamet il-kwestjoni dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari li jistgħu jinħassu li mhumiex preċiżi jew mhux daqshekk ċari, jew addirittura ma jkunux veritieri. Dakinhar l-Ispeaker Bercow qal hekk:

> "It would be unwise for me to express a view on the adequacy of a particular Ministerial answer. There are bound to be two views on that, and neither is a matter for me."

Min-naħa l-oħra s-Sedja hija konxja wkoll ta' dak li jgħid l-Att li jwaqqaf l-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis (Kap. 628 tal-Liġijiet ta' Malta) fejn b'mod ċar l-artikolu 18 dwar Rapporti Annwali jgħid illi:

> “(1) Il-Bord għandu malajr kemm jista’ jkun iżda mhux aktar tard minn tliet (3) xhur wara l-għeluq ta’ kull sena finanzjarja, jibgħat lill-Ministru rapport annwali li jikkonsisti minn:
>
> (a) kopja tal-kontijiet annwali ċċertifikati mill-awdituri; u
>
> (b) rapport dwar l-operat tal-Awtorità matul is-sena finanzjarja preċedenti.
>
> (2) Ir-rapport annwali għandu jkun impoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra mill-Ministru sa mhux aktar tard minn sitt (6) ġimgħat wara li jasal, jew fejn il-Kamra tkun f’dak il-perjodu mhux f’sessjoni, mhux aktar tard mit-tieni ġimgħa wara li l-Kamra terġa’ titlaqqa’.”

Is-Sedja tirrileva li sa mit-twaqqif tal-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis mir-records tal-Kamra jirriżulta illi l-ebda rapport annwali tal-istess Awtorità ma tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, iżda ħadet nota tal-istess risposta tal-Prim Ministru fejn ftit tal-ġranet ilu qal illi:

> “Intant ninsab informat li l-kontijiet annwali tal-istess Awtorità qegħdin fi stadju ta’ konklużjoni u se jkunu qed jiġu ppreżentati quddiem din il-Kamra fil-ġimgħat li ġejjin.”

Għalhekk meta s-Sedja ħadet dan inkonsiderazzjoni qed teħodha li l-Prim Ministru, fl-ewwel okkażjoni li jkollu meta jiġi konkluż ir-rapport annwali tal-istess Awtorità, ikun allura qiegħed f’pożizzjoni, skont paragrafu (2) tal-artikolu 18, li jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra dan ir-rapport annwali kif ċertifikat mill-awdituri.

Għaldaqstant, ladarba r-risposta kienet proprju riċenti ċjoè fit-18 ta’ Frar 2026, is-Sedja tifhem, f’dan l-istadju, illi l-Prim Ministru se jieħu l-ewwel okkażjoni li jkollu, meta jiġi konkluż dan ir-rapport, illi diġà ta l-kelma li skont artikolu 18, se jpoġġih fuq il-Mejda tal-Kamra.

Ir-ruling huwa deċiż.